KUNSILL LOKALI ĦAL BALZAN
153 TRIQ IL-KBIRA
ĦAL BALZAN

28 ta’ Ġunju 2012

Sinjuri,

## LAQGĦA URĠENTI

**Laqgħa numru Seba’ tas-Seba’ Kunsill Lokali ta’ Ħal Balzan ser issir nħar il-Ħamis, 5 ta’ Lulju 2012 fl-4.00pm fl-uffiċċju tal-Kunsill (fuq il-Posta).**

## AGENDA

1. Diskussjoni dwar il-mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara.

   Il-mozzjoni taqra hekk:

"Fid-dawl tal-fatt li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan se tinżamm wara li jkunu għaddew ħames gimgħat mill-aħħar laqgħa, il-Kunsill għandu jiddeċiedi li, fl-aħjar interessi tar-residenti tal-lokal, laqgħat tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan ma jdumux ma jsiru aktar minn tliet ġimgħat bejn laqgħa u oħra. Filwaqt li l-liġi tippermetti li l-massimu ta' żmien li jista' jdum ma jiltaqa' Kunsill Lokali huwa ta' ħames ġimgħat, żgur li Kunsill Lokali serju li juri li jrid jaħdem għall-ġid tar-residenti tal-lokal ma jieħux bħala kejl ta-ħidma tiegħu l-massimu li jista' jdum ma jiltaqa' iżda, bil-maqlub, jistinka biex jiltaqa' kemm jista' jkun malajr. Veru li ninsabu fis-sajf iżda l-problemi u s-sitwazzjonijiet li jkunu jeħtieġu l-intervent tal-Kunsill Lokali ma jieħdux vaganza fis-sajf u, għalhekk, ħafna drabi, ikun hemm bżonn li jittieħdu deċiżjonijiet mll-membri <u>kollha</u> tal-Kunsill Lokali.

Li ma jiltaqax il-Kunsill Lokali jfisser li ħafna deċiżjonijiet ikollhom jittieħdu fuq responsabbilta` tas-Sindku, speċjalment meta tkun trid tittieħed deċiżjoni li tkun marbuta biż-żmien. Dan mhux mod ta' kif idealment għandu jitmexxa Kunsill Lokali u jmur kontra l-prinċipji tad-demokrazija u l-għanijiet tal-Gvern Lokali. Barra minn hekk, fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan huma rappreżentati żewġ partiti politiċi u, għalhekk, meta jittieħdu deċiżjonijiet importanti mingħajr ma jkunu konsultati l-membri kollha tal-Kunsill, dan ifisser li l-leħen tal-minoranza politika fil-Kunsill Lokali ma jkunx qiegħed jinstema'. Fi kliem ieħor, il-maġġoranza tkun qed timponi fuq il-minoranza mingħajr diskussjoni demokratika.

Li l-Kunsill Lokali jiltaqa' wara waqfa ta' ħames ġimgħat huwa negattiv ħafna f'għajnejn ir-residenti tal-lokal, b'detriment għall-"*image*" tal-Kunsill Lokali. Fid-dawl ta' dan kollu, nipproponi għall-vot tal-membri tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan li l-Kunsill Lokali ma jdumx aktar minn tliet ġimgħat biex jiltaqa' bejn laqgħa u oħra."

Il-Kunsillieri kollha huma mitluba biex jaslu fil-ħin.

Inselli għalik

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv